**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)Ph.D**

**Appell Nru: 1026/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Emilio Ellul**

**<u>Illum, 11 ta' Lulju, 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, **Emilio Ellul** detenur tal-karta tal-identita' Maltija **318582M,** akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Nhar il-11 ta' Dicembru 2022 għal ħabta tal-ħdax ta' filgħodu ġewwa San Pawl il-Bahar u/jew f'dawn il-Gżejjer bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss jeżerċita jedd li jippretendi li għandu ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nniffsu lil Candy Dowling tħallas dejn, jew teżegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel l-istess Candy Dowling fil-pussess ta' hwejjigha, jew ħatt bini, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi indaħal fi ħwejjiġha u dana bi ksur ta' l-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija, tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 u tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll, titqiegħed għal

kollox fl-istat ta' qabel batiet l-ispoll u dan ai termini tal-Artikolu 85/(2) tal-Kapitolu 2 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment ġiet mitluba f'każ ta' ħtija, tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 u tordna t-tneħħija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar reat, jew li tordna lill-akużati sabiex jikkonformaw rwieħhom mal-Ligi fi zmien lilhom taħt dak il-penali li jogħġobha l-Qorti fin-nuqqas.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Frar, 2024, fejn sabet lill-imputat Emilio Ellul ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' mitt euro (€100). In oltre, ai termini tal-artikolu 377 (3) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat lill-ħati sabiex jagħti ċ-ċavetta tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBV 897 tal-għamla Honda Fit, jew kopja tagħha, lil Candy Dowling fi żmien jumejn (2) minn dakinhar.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Emilio Ellul preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Marzu ,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka jew tannulla il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati u tiddikjara lill-appellant mhux ħati u f'każ ta' konferna ta' ħtija tvarja jew tirrevoka l-piena ta' multa.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

- L-Ewwel Qorti interpretat l-element tal-"*pusses*s" b'mod żbaljat. Il-Qorti ma kkunsidratx il-fattur ewlieni u importanti illi l-parti leza. Candy Dowling, u l-appellant kienu jgħixu flimkien fi żmien ta' l-akkadut u għadhom jgħixu flimkien taħt l-istess saqaf minkejja illı l-għerusija spiċċat. Illi għalhekk la darba għadhom jgħixu taħt l-istess saqaf u la darba l-vettura tinstab fl-istess post fejn jabita l-appellant u l-parti leza ma jistax jingħad illi l-parti leza tilfet il- pussess ta' l-imsemmija vettura. Fl-ebda mument ma nħareġ mill-provi illi l- appellant

iġor iċ-ċavetta ta' l-imsemmija vettura il-ħin kollu miegħu. Li ħareġ huwa illi f'argument li kellhom huwa kien ħatfilha ċ-ċavetta, iżda fl-ebda mument ma nħareġ illi hija mhux f'pożizzjoni teħodha lura waħedha. Illi la darba ċ-ċavetta tal-vettura tinstab fl-istess fond illi l-parte leza tgħix għalhekk ma jistax jiġi argumentat illi hija tilfet il-pussess jew ġiet imfixkla mill-pussess.

- Kif seta' jieħu ċ-ċavetta hu, hi setgħat tieħu ċ-ċavetta hi. Ma kien hemm xejn xi jfixkkilha milli tieħu ċ-ċavetta tal-vettura mill-fond stess li hija tabita fih hi. Multo magis fix-xhieda tiegħu, l-appellant ikkonferma u eżebixxa kopja tal-log book fejn juri illi l-vettura qegħda f'ismu. Il-fatt illi huwa s-sid tal-vettura mhuwiex biżżejjed, iżda fix-xhieda huwa ammetta illi Candy Dowling ma baqgħetx tħallas il-pagament ta' *higher purchase* fuq il-vettura iżda beda jħallas kollox hu. Illi għalhekk il-fatt illi Candy Dowling minn rajha ma baqgħetx tħallas il-pagamenti fuq il-vettura, hija irrinunzjat għal kull *claim* ta' pussess li hija seta' jkollha fuq il-vettura u aċċettat illi semmai il-vettura tibqa' użata mill-appellant. Kif ingħad prova ta' dan huwa l-fatt illi hija qatt ma ppruvat tieħu ċ-ċavetta lura minkejja illi hija kienet u għada tgħix fl-istess fond ma' l-appellant.

- It-tieni aggravju huwa l-fatt illi l-parte leza fl-ebda mument fix-xhieda tagħha ma semmiet id-data ta' l-akkuza. Illi l-ġurispridenza nostrana tgħallimna illi jekk id-data ta' l-akkuża ma tiġix ikkomfermata mill-parti leza, l-imputat jiġi illiberat. Illi li ġara hi li kien hemm akkużi ta' raggion fattasi fil-konfront ta' Candy Dowling stess, u kemm Candy Dowling u kemm l-appellant xehedu. L-appellant xehed billi l-ewwel ikkomferma d-data u semma illi Candy Dowling kienet irrifjutat milli trodd lura ċ-ċurkett tad-djamanti ta' l-għerusija, u li kienet ħaditlu *loose diamonds* li kienu jinsabu fil-kexxun tal-komodina u cioe' huwa xehed biss fuq l-akkuża ta' Candy Dowling. In kontroezami għalkemm ma xehed xejn fuq l-akkuża tiegħu, huwa ġie mistoqsi fuq il-vettura, imma fl-ebda mument ma ġie mistoqsi jerġa jikkonferma d-data. Meta xehedet Candy Dowling hija fl-ebda mument ma semmiet id-data ta' l-akkuża. Illi la darba

Candy Dowling ma semmietx id-data, il- Qorti ma setgħetx tiddeċiedi billi ssib l-appellant ħati. L-appellant semma d-data biss fix-xhieda tiegħu meta huwa kien qiegħed jixhed fuq l-akkuża ta' Candy Dowling. In kontro ezami u meta sussegwentament għalhekk xehed fuq l-akkuża tiegħu stess huwa fl-ebda mument ma semma d-data.

- Illi l-aħħar aggravju hija l-piena. Illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, anka tal-fatt illi l-appellant baqa' jħallas il-pagamenti huwa biss wara li hija rrifjutat li tħallas il-pagamenti il-piena ta' mitt Ewro (€100) multa hija eċċessiva. Semmai u dan mingħajr l-ebda preġudizzju għas-suespost ir-ritorn taċ-ċavetta kien ikun biżżejjed.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta' April 2024 fejn stqar li is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti għandha tiġi konfermata in toto kemm fil-mertu kif ukoll fir-rigward il-piena imposta.

Rat l-atti tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotta.

Semgħet lill-partijiet jgħamlu is-sottomissjonijiet tagħhom fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2024.

**Ikkunsidrat,**

Illi sabiex din il-Qorti tara jekk verament l-ewwel Qorti għamlitx interpretazzjoni żbaljata tal-kelma 'pusess' trid l-ewwel tara dak li rriżulta mill-provi prodotti u dan sabiex tkun f'pożizzjoni tara jekk in effetti s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti kienitx waħda *safe and satisfactory*.

Rat illi waqt is-seduta tal-20 ta' Frar, 2024 l-prosekuzzjoni ppreżentat l-affidavit ta' **PC 288 D Galea.** Dan ikkonferma li nhar it-12 ta' Diċembru, 2022 għall-ħabta tas-13.45 p.m kien mar Emilio Ellul jirraporta li għall-ħabta tal-11.00 a.m mar biex iġib iċ-ċwievet tal-karozza u Candy Dowling girfitu biex twaqfu milli jieħu ċ-ċwievet. Candy ħaditlu ċ-ċwievet u telqet 'l barra. Emilio kompla jistqarr li ċ-ċwievet li ġew meħuda huma ċ-ċwievet tal-karozza personali ċ-ċwievet tal-karozza tax-xogħol, tal-appartament, tal-komun, tal-garaxx, tal-garaxx ta' ommu u ħames ċwievet tax-xogħol. Kompla jsitqarr illi xi gimgħatejn qabel innota li għandu dokumenti tal-ġojjelerija u tal-affarijiet elettoniċi misruqa. Bħala ġojellereija Ellul sab 7 biċċiet djamanti zagħar li kienu fil-kexxun tal-kamra tas-sodda tiegħu neqsien. Dawn is-sebgha biċċiet djamanti jiswew 'l fuq minn elfejn euro (€2,000)

Bħala affarijiet elettroniċi neqsien Ellul sab il-playstation 5 li kienet tat-tifel tiegħu Il-playstation tiswa €600. Id-dokumenti li Candy ħaditlu kienu kuntratti tax-xogħol, cheques antiki kif ukoll iċ-ċertifikat tad-djamanti.

Il-Pulizija tad-distrett ċemplu lil Candy sabiex tmur l-għassa tal-Qawra nhar is-16 ta' Dcenbru 2022 Dakinhar għal habta ta' 14.35 Candy marret l-għassa u ġiet mogħtija d-drittijiet tagħha iżda ddeċidiet li ma titkellimx ma avukat. Din stqarret li l-*playstation* hija tagħha għax xtratha hi stess għalkemm riċevuta m'għandhiex għax kienet xtratha erba' snin qabel. Kompliet tistqarr illi biegħitha biex tagħmilha flus. Stqarret li l-avukata tagħha Dr Deborah Schembri kienet qed iżżomm cheque tas-sena 2014 għas-somma ta' €12,5000 li kien falz liema cheque l-appellant irid mingħandha. Dan ic-cheque tgħid li ma kienx fih timbru. Qalet ukoll li kienet qed tiġi imċaħda milli tuża l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBV 897 ta' mudell Honda Fit.

Rat l-okkorenza esebtia fl-atti a fol. 14 liema okkorenza ġiet meħuda minn PC 288 David Galea fejn fiha hemm miktub dak kollu li stqarr fl-affidavit tiegħu kif fuq rapportat.

**Candy Dowling** xehdet nhar l-20 ta' Frar 2024 u tgħid li kellha *engagement ring* li kien ġie mogħti lilha mill-appellant. Waqt li tikkonferma li loose *diamonds* qatt ma rat u qatt ma ħadet. Tiddiskrivi ċ-ċurkett tagħha bħala *princess gold cut* bi tlett djamanti fuq kull naħa. Dan huwa tagħha. Tistqarr li wara li kien tahulha u għaddew xi sentejn ma

baqgħux flimkien għalkemm kienu għadhom jgħixu fl-istess dar. Hija għandha kemm iċ-ċertifikat tiegħu kif ukoll ritratti. Kienet marret għand ħaunt tad-djamanti u biegħitu biex tkun tista tħallas id-drittijiet legali tal-avukat tagħha.

Dakinhar ma kien hemm ħadd id-dar, it-tifla kienet għand ommha waqt li t-tifel ma kienx id-dar. Kienet qed tagħmel is--sodda u l-appellant talabha iċ-ċurkett lura. Qaltlu li dak iċ-ċurkett kien *an engagement ring* u għalhekk la taħulha ma kienx intitolat għalih lura.  Qaltlu li ma kienx għadu għandha u li kienet biegħetu.

Tgħid li kien hemm iċ-ċwievet tal-karozza fuq l-iskrivanija u qallha 'Mela *tini ċ-ċwievet tal-karozza'*. Malli marret biex tiġbed iċ-ċwievet tal-karozza qabdilha idejha u bdew jiġġieldu għaċ-ċwievet tal-karozza u b'hekk sar ir-rapport.  Sadanitant tefagħha fir-rokna mal-ħajt u qagħad jagħfsilha idejha biex tħallih jieħu ċ-ċwievet. 'Sadanitant tgħidlu l-kliem ' *oħroġ minn wiċċi, oħroġ minn wiċċi'*. Beda jidħaq f'wiċċha.  Beda igħidlha x'ser tagħmel u qatlu li kienet ser iċċempel lill-avukat tagħha. Qal xi kliem pastazz fuq l-avukat tagħha u spiċċaw fl-idejn. Biex tneħħih minn fuqha qabditu mit-T shirt u ppruvat tniżlu u taħseb li anke qattgħatlu t-T shirt u anke girfitu. Ciononostante xorta irnexxilu jieħu iċ-ċwievet u dawk kienu għandu sal-jum li xehdet il-Qorti żgur. Qalet li il-karozza kienet qed tħallasha hi iżda meta ħadilha iċ-ċwievet waqfet tħallasha. Ikkonfermat li sa dakinhar tal-inċident kienet hi li kienet tagħmel użu mill-vettura.

In kontro ezami tgħid li meta biegħet l-*engagement ring* li kien tagħha l-appellant, ma kienitx għadha f'relazzjoni miegħu. Qalet li dan kien ingħata lilha bhal *a promise ring* għaliex l-appellant qatt ma ried jiżżewweġ.

**Emilio Ellul**, l-appellant xehed nhar l-20 ta' Frar 2024 kkonferma li jum il-Ħadd, 11 f'Dicembru 2022 għall-ħabta tal-11.00p.m skopra li kien hemm iċ-ċertifikat tal-engagement ring  nieqes id-dar u kien hemm xi djamanti *loose* żgħar neqsien ukoll ta' valur ta' elfejn euro . Qal li f'din id-dar San Pawl il Bahar kien igħix mal-ex partner tiegħu Candy Dowling u ż-żewgt itfal tagħhom. Qal li dan l-*engagment ring* jiswa €6,000 u li id-djamanti *loose* kienu ġew mogħtija lilu minn ommu sabiex jiżdiedu maċ-ċurkett tal-għerusija li kien ta lil Candy Dowling.

Qal li imbagħad mar jiġbor iċ-ċwievet tal-karozza u Dowling qabdet ittih. Qal li l-karozza kienet baqgħet fil-pusess tiegħu sa dak in-nhar li xehdet il-Qorti. Jgħid li l-karozza hija reġistrata fuq ismu għalkemm jammetti li kienet tagħmel użu minnha hi. Qal li sa dakinhar meta ħadilha iċ-ċwievet kien hu li jagħmel użu mill-vettura. Ikkonferma li kienet tagħmel il-pagamenti li kienu dovuti fuqha għalkemm kien ħallas nofsha hu. Huwa eżbixxa il-kuntratt ta' akkwist tal-vettura u kopja tal-*log book* relattiv li ġew markati bħala dok EE1 a fol. 34 tal-atti. Ikkonferma li wara dan l-inċident waqfet tagħmel pagamenti u baqa' iħallashom hu għaliex kien għad fadal xi €3,500 dejn fuqha. Jgħid li l-vettura kienet reġistrata fuq ismu minħabba kwistjoni ta' *insurance.*

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi mis-suespost jirriżulta għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-appellant kellhu relazzjoni ma' Candy Dowling, il-*parte civile* u minn din ir-relazzjoni kellhom żewgt itfal. Kienu jgħixu ilkoll flimkien fid-dar tal-appellant San Pawl il-Bahar. Jirriżulta in konnessjoni mal-kawża odjerna li reġistrat f'isem l-appellant kien hemm vettura tal-għamla Honda Fit numru ta' reġistrazzjoni HBV 897 . Jirriżulta ukoll li l-parte civile kienet għamlet xi pagamenti fuq din l-istess vettura u li waqt li kienu għadhom f'relazzjoni kienet tagħmel użu minn din il-vettura biex tmur għax-xogħol meta f'daqqa u l-ħin wara xi ġlied bejn l-kontendenti l-appellant qabad u ha ċ-ċwievet fosthom dik tal-vettura u b'hekk ostakolaha mill-użu tal-istess vettura u spossesjaha mit-tgawdija tagħha.

L-appellant hu akkużat bir-reat ta' *pretended rights* kif dispost fl-artikolu 85 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Denise Caruana</u>**[1] intqal hekk:

> *"...... kwistjonijiet dwar titolu ma jistgħux ikollhom effett sabiex tiġi stabbilita jew eskluza ir-relta'. Dan għaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jeżisti*

[1] Deciza 30.11.2016 per Onor Imhallef Dr. Edwina Grima

*stat ta' fatt li ġie mibdul unilateralment minn parti waħda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-użu jew tgawdija ta' l-oġġett li kien fil-pussess tagħha qabel dak l-att spoljattiv……*

Jiġi osservat illi *"Din il-Qorti tibda biex tgħid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma hux intiż biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'oħra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tiegħu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli. L-Artikolu 85 huwa intiż biex dak li jkun ma jieħux il-Liġi b'idejh, u għalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bħad-disposizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-actio spolii – huwa li tipproteġi l-istatus quo.[2]"….*

Issir referenza ukoll għas-sentenza **Il-Pulizija vs Eileen Said[3]:**

*Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjaħ "the exercise of a pretended right" . Illi din l-azzjoni bażata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta hija speċi ta' żona grigja bejn il-kamp ċivili u dak Kriminali , tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jiġi abbożżat il-Kodiċi Penali Malti kien osserva fir-Rapport tiegħu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages.....[4]"*

Għal dawk illi huma l-elementi kostitwivi tar-reat ta' raggion fattasi l-Qorti tagħmel referenza għal każ "*benchmark*" ta' l-Illustri Imhallef William Harding fil-kawża fl-

[2] Il-Pulizija vs Jane Scicluna – App.Inf
[3] Onor Imhallef Dr Joseph Galea Debono; Dec.19.06.2002; App. Nru.37/2002 JGD.
[4] Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speciali) Vol. II

ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et**[5]. Li ġiet ukoll ripurtata f'kawża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Cortis** deċiża fis-27 ta' Novembru 2008. A skanz ta' ripetizzjoni l-Qorti tagħmel referenza għal dawn il-ġudikati. Hu ben saput li biex jissusisti r-reat ta' raggion fattasi iridu jeżistu flimkien l-erba` elementi illi jikkostitwixxu r-reat u cioe`:-

a) l-att estern li jimpedixxi persuni oħra minn dritt li hi qed tgawdi, u li jkun sar bid-disens espliċitu` jew implicitu` ta' dik il-persuna;
b) l-imputat irid jemmen li qed jadixxi bi dritt;
c) ix-xjonza ta' l-imputat li qed jieħu b'idejh dak illi suppost jieħu tramite l-proċess legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Illi kif dejjem ġie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor per eżempju. Għalhekk hemm bżonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wieħed jipprova persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu id-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollhu.

Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jipprova lit-terz , jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850:- [emfażi tal-Qorti:

> *"L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode . Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a*

[5] App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768

*dispetto di chi non voglia ; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo" , il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale .*

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Abela**[6] iddikjarat kif ġej:

*Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deċiża fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:*

> *"[F]il-liġi tagħna r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bħala delitt kontra l-proprjeta' iżda bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-Ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi oħra".*
>
> *Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' ragion fattasi, huma erbgħa, u ċioe:*
>
> *"(1) att estern li jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun eżegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-ħadd ieħor;*
>
> *(2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt;*
>
> *(3) il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel di private braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u*
>
> *(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Diċembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija***

[6] Deciza 13.10.2014 per Onor Magistrat Dr. Neville Camilleri; Kump. Nru 866/2011

*vs. Carmel sive Charles Farrugia, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996[7];).*

*Hu risaput - u dan, del resto, joħroġ mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jagħti lok għar-reat ta' ragion fattasi jew għal reat ieħor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat ieħor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-aġent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bħala intenzjoni speċifika jew intenzjoni ġenerika[8]".*

Ovjament huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa biżżejjed xi forma ta' pussess. [emfażi tal-Qorti]

Issa m'hemmx dubbju li bl-att li għamel l-appellant huwa spolja lill-parte civile Candy Dowling mill-pusess effetti u leġittimu li hija kellha fuq il-karozza li kienet tuża sabiex tmur għax-xoghol. Independetement minn min kien qed iħallas il-karozza u independentement ta' min kienet il-karozza żgur li rriżulta anke mix-xhieda tal-appellant stess li Dowling kellha il-pusess liberu tagħha.

Bl-aġir tiegħu l-appellant fixkel il-pusess tagħha u neħħilha it-tgawdija u l-użu tal-istess u dan b'mod abbusiv u kontra l-liġi.

Għalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta f'dak li kkonkludiet fis-sentenza tagħha u għalhekk din il-Qorti tiddikjara lill-appellant ħati tar-reat ta' raggion fattasi.

Dwar l-aggravju tal-piena huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju

[7] ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123
[8] Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Mario Lungaro, 18 ta' Novembru, 1996

jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek</u>** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
>
> *The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to*

*mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction."*

Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l- emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et</u>** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

*Fil-verita`, dawn il-prinċipji huma rifless tal-prinċipju l-ieħor li meta jkun hemm sentenza li tiġi*

*appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti) li kien jinċidi b'mod partikolari fuq il- piena. Sintendi, kif diġa` ngħad, "sentencing is an art rather than a science" u wieħed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' każ ma' ieħor jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor*

Fil-kaz odjern din il-Qorti rat li ma hemm l-ebda raġuni 'l għaliex għandha tiddipartixxi mill-piena imposta stante li din taqa' fil-parametri tal-liġi u għalhekk tikkonfermaha fl-intier tagħha.

Din il-Qorti qiegħda ukoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ai termini tal-**Artikolu 377 (3) tal-Kodici Kriminali** ordnat lill-ħati appellant sabiex jgħati iċ-ċavetta tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBV 897 tal-għamla Honda Fit jew kopja tagħha lil Candy Dowling fi żmien jumejn mill-llum

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**